BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165  Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 05/12 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 16 ta' April 2012 fis-6.00pm**

| | |
|---|---|
| *Prezenti* | *Membri* |
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | - |

## *AĠENDA -1*

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 04/12 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. B.Pace ipproponiet u S.Zammit issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## *AĠENDA -2*

*01/04* - Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kamra li S.Zammit informaha permezz ta' e-mail li għandu konflitt ta' interess fir-rigward ta' din il-korrispondenza. Għaldaqstant S.Zammit ħareġ mill-Kamra waqt id-diskussjoni. Il-Kunsill Lokali ġie mitlub sabiex jingħalaq wieħed mill-entraturi għal fuq il-*promenade* fil-Bajja s-Sabiħa. L-entratura tiġi faċċata ta' Triq iż-Żibra. Dan għaliex il-*Malta Lotteries and Gaming Authority* ma tatx l-approvazzjoni tagħha sabiex jinfetaħ *'gaming shop'* fil-Bajja s-Sabiħa jekk ma tingħalaqx din l-entratura. C.Cachia saħaq li jekk din l-entratura tingħalaq għandha tingħalaq konformi mar-*railing* eżistenti. Ukoll C.Muscat issuġġerixxa li dan l-għeluq għandu jsir a spejjeż tal-applikant kif ukoll bil-permessi kollha meħtieġa. Wara li tkompliet id-diskussjoni J.Baldacchino ressaq mozzjoni :

"*Għalkemm ma jaqbilx mal-prinċipju ta' permessi li jingħataw għal gaming shops, iħoss li qed issir inġustizzja ma' dan l-applikant meta applikanti oħra qed jingħataw permessi simili. Għaldaqstant jipproponi li l-entratura tingħalaq a spejjeż tal-applikant b'konformita' mar-railing eżistenti u bil-permessi meħtieġa".*

Is-Sindku ssekonda din il-mozzjoni u l-Kamra b'ħames voti favur u wieħed kontra, qablet ma' din il-mozzjoni.

*02/04* - Għal sena oħra l-Għaqda Maltija tal-Ortikultura ser torganizza 'The Great Spring Show' f'San Anton b'risq ir-Richmond Foundation. Il-Kunsilli Lokali qed jiġu mistiedna sabiex jieħdu sehem f'din il-wirja billi jagħmlu qoffa rranġata bi ħxejjex tal-ikel u frott. Il-Kamra unanimament qablet li għal sena oħra tieħu sehem f'din il-wirja bl-għaqda stess tieħu ħsieb tagħmel il-qoffa f'isem il-Kunsill Lokali.

*03/04* - Il-Federazzjoni Sajjieda Dilettanti Malta qed titlob l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex tkun tista' tuża l-pont ta' quddiem Triq Santa Katarina kif ukoll tirriserva *parking area* f'Dawret il-Qalb Imqaddsa għall-attivita' *'Amateur National Big Game Fishing Tournament 2012'* b'risq St.Peter Foundation. C.Muscat ġibed l-attenzjoni li għandna navżaw lill-Għaqda sabiex wara l-attivita' l-pont u l-madwar jitħalla nadif. K.Barun staqsa li minħabba li din l-attivita' tibda fit-3.00am jistax jintuża l-moll ta' quddiem l-Enemalta pero' C.Muscat informa l-Kamra li dan il-moll hu mdallam għaldaqstant mhux possibbli jiġi wżat bil-lejl. Is-Sindku faħħar din l-inizjattiva u saħaq li minħabba l-ħin tal-attivita' għandna niġbdu l-attenzjoni tal-Għaqda sabiex kemm jista' jkun ma jagħmlux storbju bil-lejl sabiex ma jdejjqux lir-residenti. Kulħadd qabel u l-Kamra unanimament laqgħet din it-talba.

*04/04* - Tressqet talba sabiex il-Ġimgħa, s-Sibt u l-Ħadd mill-15 ta' Ġunju sal-15 ta' Settembru jiġi armat *Bouncing Castle* fuq ir-ramel fil-Bajja s-Sabiħa n-naħa ta' Wesgħa Carmelo Caruana. J.Baldacchino issuġġerixxa li dwar dawn it-talbiet, minħabba li qed ikun hemm ħafna, hemm bżonn li l-Kunsill jagħmel *policy/bye-law* sabiex ikun jista' jkollu kontroll aħjar għal dawn l-attivitajiet. Kulħadd qabel ma' dan is-suġġeriment. Il-Kamra unanimament laqgħet din it-talba tal-applikant.

*05/04* - L-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen qed tistieden lill-Kunsill Lokali għal-laqgħa ta' kortesija f'bidu ta' leġiżlatura ġdida. Il-Kamra laqgħet din l-istedina u ssuġġerit li din issir darba matul il-ġimgħa filgħaxija fis-7.30pm.

*06/04* - Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra żewġ proposti mill-Federazzjoni Għaqdiet Birżebbuġa. L-ewwel proposta hi li jsir taħriġ kollettiv għall-uffiċjali tal-Għaqda. Il-Kamra qablet ma' din il-proposta u l-Kunsill Lokali lest li jikkoordina dan it-taħriġ hu bil-kollaborazzjoni sħiħa tal-Federazzjoni. S.Zammit spjega kif kull għaqda jkollha persuni bħal Segretarju u Kaxxier li tajjeb ikunu mħarġa f'xogħolhom sabiex tibbenefika l-Għaqda. It-tieni proposta kienet li l-għaqdiet jagħmlu esibizzjoni f'Jum Birżebbuġa. B.Pace issuġġerit li esibizzjoni bħal din tittella' ġewwa s-sala tal-iskola minħabba l-kobor tagħha. K.Barun faħħar din il-proposta u qal li tajjeb li ninvolvu l-għaqdiet f'jum il-lokal. S.Zammit u J.Baldacchino issuġġerew li l-għaqdiet jiġu mitluba jippreżentaw dokument x'jixtiequ jesibixxu u jgħadduh lil B.Pace, l-Kunsilliera nkarigata minn Jum Birżebbuġa. B.Pace talbet sabiex tagħmel sotto-kumitat għal din l-attivita'. Il-Kamra qablet. Is-Sindku ssuġġerixxa li fil-jiem li ġejjin, B.Pace tħejji programm għal Jum Birżebbuġa sabiex jiġi ppreżentat lill-Kunsill f'Seduta aktar 'il quddiem. Kulħadd qabel.

***AĠENDA -3***

Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti l-offerti pubbliċi u l-kwotazzjonijiet.

- *Offerta Pubblika Nru. 01/12 – Tindif u Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi*

| Nru. | Kuntrattur | Ammont fis-sena | Ammont fis-sena |
|---|---|---|---|
| 1 | Saviour Mifsud | €13500 | - |
| 2 | Environmental Landscapes Consortium (ELC) | €13200 | €14500 (persuna assenjata mal-Kunsill ) |

Il-bord li evalwa din l-offerta magħmul mis-Sindku, C.Cachia u C.Muscat flimkien mal-Perit C.Cacopardo ressqu l-proposta tagħhom lill-Kamra. Il-proposta tal-bord kienet li jintgħażel kuntrattur Nru. 2 minħabba li kien l-orħos wieħed pero' għal €1300 aktar immorru għall-*Option* ta' persuna assenjata mal-Kunsill. Il-Kamra unanimament qablet ma' din il-proposta u għaldaqstant il-Kuntrattur magħżul għal dan is-servizz hu Environmental Landscapes Consortium (ELC).

- *Offerta Pubblika Nru. 02/12 – Servizz ta' Tindif ta' Toroq*

Il-Kamra ma ddiskutietx din l-offerta minħabba li l-bord talab aktar żmien sabiex ikun jista' jevalwaha aħjar.

- *Kwotazzjoni Nru. 01/12 – Servizz ta' Trasport għall-Anzjani (Lifter)*

| Nru. | Kuntrattur | Ammont kull vjaġġ |
|---|---|---|
| 1 | Saviour Abela | €35 |

Saviour Abela kien l-uniku offerent għal din il-kwotazzjoni, għaldaqstant il-Kamra laqgħet l-offerta tiegħu għal dan is-servizz.

- *Kwotazzjoni Nru. 02/12 – Provista u Installazzjoni ta' Bandla għal Persuni b'Diżabilita'*

| Nru. | Kuntrattur | 1 | 2 |
|---|---|---|---|
| 1 | Be Independent Ltd. | €2500 | €950 / €1115 |
| 2 | JGC Ltd. | €5750 | - |
| 3 | M-Quip | €1277 | €1262 |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tagħżel lill-Kuntrattur Nru. 1, Be Independent Ltd. peress li kien l-orħos wieħed u s-somma kkwotata tirrifletti fis-somma li l-Kunsill Lokali ingħata taħt Skema : Aċċessibilita' Aħjar fil-Lokalitajiet (Memo 7/2010).

- *Kwotazzjoni Nru. 03/12 – Provista ta' Photocopier*

| Nru. | Kuntrattur | Option A B&W | Option B Colour | Remarks |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Image Systems Ltd. | €1711 / €1888 | €2419 / €2596 | Xerox Also Leasing Option |
| 2 | Avantech | €1750 | €2183 | Canon Also Leasing Option |
| 3 | Strand Electronics | €1799.50 | €2832 | Kyocera |
| 4 | SG Solutions | €1779 | €2365 | Ricoh |
| 5 | Alfa | €1580 | €3250 | Sharp |
| 6 | Office Group Ltd. | €1279.04 | €3651.43 | Konica |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li s-Segretarju Eżekuttiv tmur tara l-orħos *photocopier* sabiex tivverifika jekk tagħmilx il-funzjonijiet kollha mitluba fl-ispeċifikazzjoni. Wara din il-verifika l-Kamra terġa' tiddiskuti din il-kwotazzjoni f'Seduta oħra.

- *Kwotazzjoni Nru. 04/12 – Provista ta' Cold Asphalt*

| Nru. | Kuntrattur | Ammont kull tunnellata |
|---|---|---|
| 1 | Asfaltar Ltd. | €94.40 |
| 2 | C.E.B. Metals Ltd. | €1869.12 |
| 3 | Bitmac (Works) Ltd. | €150 |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tagħżel lill-Kuntrattur Nru. 1, Alfaltar Ltd. peress li kien l-orħos wieħed.

***AĠENDA -4***

Tressqu l-pagamenti għax-xhur ta' Marzu u April 2012. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €41924.33 u €97544.48 jitħallsu skont Skeda Nru. 03/12 u 04/12 rispettivament.

***AĠENDA -5***

1. J.Baldacchino informa l-Kamra li qiegħed jaħdem sabiex is-seduti tal-Kunsill jiġu rrekordjati ħalli wara li seduta tispiċċa dawn jiġu *uploaded* fuq il-*website* għal benefiċċju tal-pubbliku. Kulħadd qabel.

2. C.Cachia saħaq li x-xatt ta' Birżebbuġa hemm problema kbira ta' skart minħabba li l-iskart mhux qed jinħareġ fil-ħin. Hu talab l-approvazzjoni tal-Kamra sabiex ikun jista' jingaġġa *Environmental Wardens* biex nindirizzaw din il-problema. C.Muscat talab li jiġi nformat bid-dati tal-*Environmental Wardens* sabiex ikun jista' jgħin fil-proċess. Kulħadd qabel.

3. S.Zammit informa l-Kamra fir-rigward ta' kwotazzjoni għal tlett bozoz ma' arbli approvati fi Triq F.M.Ferretti. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li minħabba li l-parti tat-triq imsemmija żviluppat sabiex tingħaqad ma' Triq Għar Dalam li hi arterja, għandna niktbu lill-Ministru kkonċernat sabiex dan id-dawl isir minn naħa tal-Gvern Ċentrali. Ukoll S.Zammit ġibed l-attenzjoni li issa li fetaħ radju fil-komunita', Southend Radio, tajjeb li nużawh bħala mezz ieħor ta' komunikazzjoni mar-residenti. Is-Sindku nforma l-Kamra li l-Kunsill Lokali mill-bidu ta l-appoġġ tiegħu lil dan l-istazzjon u l-Kunsill diġa' qiegħed jirriklama miegħu. Ukoll S.Zammit rrimarka li fuq il-paġna tal-Kunsill Lokali f'Facebook m'għandux jitħalla min jirreklama għaliex din il-paġna ma nħolqotx għalhekk. Kulħadd qabel.

4. B.Pace informat lill-Kamra li nhar il-11 ta' Mejju 2012 ser tiġi organizzata l-attivita' ta' 'Jum L-Omm' filwaqt li fl-1 ta' Mejju ser tiġi organizzata mixja kulturali flimkien mar-Ramblers Association. Ukoll informathom li kull l-aħħar *weekend* tax-xahar ser tibda tiġi organizzata wirja fis-Sala tal-Komunita' dejjem imtella' minn għaqdiet tal-lokal jew residenti. L-ewwel wirja li ser issir fl-aħħar *weekend* ta' Mejju ser tiġi mtella' mill-anzjani tad-Day Centre u minn Ħal Far Day Centre.

5. S.Zammit ressaq proposta u C.Muscat issekondha sabiex, wara kritika fuq facebook, titranġa l-unika funtana f'Birżebbuġa li tinsab wieqfa. Is-Sindku fakkar lill-Kamra li meta din kienet taħdem dejjem kien jinqalgħalha l-ħsara minħabba ħaġa jew oħra u l-Kunsill kien iddeċieda li jwaqqafha. C.Muscat issuġġerixxa li għandha tinġieb kwotazzjoni sabiex din il-funtana terġa' tibda taħdem. Ukoll ġibed l-attenzjoni li hemm ftit ħamrija nieqsa fil-ġnien ta' San Ġorġ kif ukoll hemm bżonn li jinbidlu s-*shakles* tal-bandli tax-xatt.

6. K.Barun fakkar lill-Kamra fuq l-approvazzjoni li ġab il-Kunsill minn naħa ta' Transport Malta fir-rigward ta' *pedestrian lights* fi Triq Għar Dalam. Pero' hu ssuġġerixxa li minflok dawn il-*pedestrian crossings* nibdew proċess ta' applikazzjoni sabiex isiru *traffic lights* ħalli b'ġebla waħda tissolva wkoll il-problema ta' ħruġ ta' karozzi minn Triq F.M.Ferretti fid-direzzjoni lejn Triq Għar Dalam.

7. K.Barun talab sabiex niġbdu l-attenzjoni tal-awtoritajiet fuq it-telqa li hemm f'dawn il-postijiet storiċi (1) It-tempju megalitiku ta' Borg in-Nadur (2) f'Ta' Kaċċatura (3) Casa Ipollito. Kulħadd qabel.

***<u>Għeluq</u>***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fid-8.45pm. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 9 ta' Mejju 2012 fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| **.........................................** | **.............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |